MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru. 769/2009

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber)
vs
Promise Ndubueze, iben Ndubueze, imwieled fil-Biafra, Nigeria fl-4 ta' April, 1979
u
John Bull Ibrahim, iben Ibrahim, imwieled f'Edu State, Nigeria fit-18 ta' Marzu, 1986
u
Mustafa Sarim, iben Hamadu, imwieled l-Burkina Faso fis-sena 1989
u
Christian Obice, iben Simon, imwieled f'Aba State, Nigeria fil-11 ta' Marzu, 1987

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra Christian Obice, Mustafa Sarim u John Bull Ibrahim –

talli fl-1 ta' Awwissu, 2009 bħala persuni li nbarkaw jew zbarkaw, f'Maltanaqsu li jkollhom passaport u naqsu li jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-imformazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ skond l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-liġijiet ta' Malta;

Lil Christian Obice, John Bull Ibrahim u Promise Ndubueze –

talli f'dati mhux magħrufa qabel l-1 ta' Awwissu, 2009 ħarbu minn post ta' kustodja pubblika, ciioe' is-'Safi Detention Centre'.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Awwissu, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi rispettivi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Promise Ndubueze ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 151 u 152 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta u tikkundannah għal piena ta' xahar priġunerija.  Issib lill-imputati John Bull Ibrahim, Mustafa Sarim u Christian Obice ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikoli 151 u 152 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.  Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta u tikkundanna kull wieħed mill-imputati għal piena ta' xahrejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------